

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-13 ta' Jannar 2023****li tistabbilixxi l-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* biex jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass**

(2023/C 48/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tat-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa ħarġet fid-dieher id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi u l-impatt tal-azzjonijiet mhux koordinati mill-Istati Membri ffaċċjati bl-użu tal-provvista tal-gass bħala arma mir-Russja, li wasslu għal prezzijiet eċċessivi.
- (2) Il-kooperazzjoni dwar l-enerġija qiegħda fil-qofol tal-Unjoni Ewropea. Kooperazzjoni mill-qrib bejn l-atturi rilevanti, b'mod partikolari l-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, hija kruċjali biex il-kriżi tal-enerġija tiġi indirizzata b'mod unit.
- (3) Il-pjattaforma tal-Enerġija tal-UE nbdiet fis-7 ta' April 2022 b'konsegwenza tal-mandat tal-Kunsill Ewropew, permezz ta' għadd ta' azzjonijiet relatati max-xiri tal-gass naturali, tal-gass naturali likwifikat (LNG) u tal-idroġenu: sensibilizzazzjoni internazzjonali, aggregazzjoni tad-domanda, użu effiċjenti tal-infrastrutturi tal-gass tal-Unjoni u b'mod partikolari użu aħjar tat-terminals tal-LNG biex jiġu appoġġati s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni u l-aċċess għal enerġija affordabbli.
- (4) Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ewropew approva l-prinċipju tax-xiri konġunt tal-gass, filwaqt li kkoordinata u pprijoritizza n-negozjati ma' sħab affidabbli biex jinstabu sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li jisfruttaw il-piż kollettiv tas-suq tal-Unjoni u jagħmlu użu sħiħ mill-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE.
- (5) Ir-Regolament (UE) 2022/2576 jipprovdi qafas legali għall-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn għax-xitwa tal-2023/2024 u b'mod partikolari l-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin tagħhom.
- (6) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2576 jstabbilixxi dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza sabiex jiġu żgurati koordinazzjoni u solidarjetà tal-enerġija aħjar fost l-Istati Membri. Meta l-Kummissjoni tqis li x-xiri ppjanat tal-gass jista' jkollu impatt negattiv fuq il-funzjonament tax-xiri konġunt, is-suq intern, is-sigurtà tal-provvista jew is-solidarjetà tal-enerġija, hija tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet. Tali rakkomandazzjonijiet ikunu indirizzati lill-impriżi tal-gass naturali jew lill-impriżi li jikkunsmaw il-gass stabbiliti fl-Unjoni jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u jitolbuhom jikkunsidraw miżuri xierqa bl-għan li jżidu l-koordinazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1.

- (7) Qabel ma toħroġ kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*, li jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk ix-xiri tal-gass ippjanat isahhahx is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni u jekk huwiex kompatibbli mal-prinċipju tas-solidarjetà tal-enerġija, u jekk koordinazzjoni ulterjuri tistax ittejjeb il-funzjonament tax-xiri konġunt. Għalhekk, il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* jenħtieġ li jiġi stabbilit.
- (8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni minn membri tal-grupp.
- (9) Id-*data* personali jenħtieġ li tiġi pproċessata fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

### Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*

Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* huwa stabbilit.

#### Artikolu 2

### Missjoni u kompiti tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*

1. Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar abbozz(i) ta' rakkomandazzjoni(jiet) skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2576:
  - (1) dwar jekk koordinazzjoni ulterjuri fir-rigward tat-tnedija ta' sejħa għall-offerti għax-xiri tal-gass jew ix-xiri pplanat tal-gass tistax ittejjeb il-funzjonament tax-xiri konġunt;
  - (2) dwar jekk it-tnedija ta' sejħa għall-offerti għax-xiri tal-gass jew ix-xiri pplanat tal-gass jistax ikollha impatt negattiv fuq is-suq intern, fuq is-sigurtà tal-provvista jew fuq is-solidarjetà tal-enerġija;
2. Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jaġixxi bħala entità għall-koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-Unjoni, bl-għan li jiffaċilita l-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt tal-gass, inkluż minn pajjiżi terzi;
3. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* dwar l-attivitajiet tal-Pjattaforma tal-Enerġija;
4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* dwar l-impatt tal-parteċipazzjoni tal-impriżi fil-pjattaforma tax-xiri konġunt fuq is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni u s-solidarjetà tal-enerġija.

#### Artikolu 3

### Sħubija

1. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandhom ikunu awtoritajiet tal-Istati Membri.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2. L-awtorità ta' kull Stat Membru għandha tinnomina r-rappreżentant tagħha u għandha tkun responsabbli biex tiżgura li r-rappreżentant tagħha jipprovdi livell għoli ta' għarfien espert relatat ma' kwistjonijiet tal-enerġija, b'mod partikolari l-gass.
3. Kull rappreżentant jista' jkun appoġġat minn espert tekniku.

#### Artikolu 4

### Presidenza

Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jkun ippresedut mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva.

#### Artikolu 5

### Operazzjoni

1. Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jaġixxi fuq it-talba tal-President tiegħu.
2. Normalment, il-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandhom isiru fil-bini tal-Kummissjoni iżda jistgħu jsiru virtwalment, skont iċ-ċirkostanzi.
3. Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni għandu jipprovdi servizzi segretarjali għall-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*. Jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tas-sottogrupperi tiegħu uffiċjali tal-Kummissjoni minn dipartimenti oħrajn li jkollhom interess fil-proċedimenti.
4. Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*, b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, jista' jiddeċiedi li d-deliberazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi.
5. Il-minuti tad-diskussjoni ta' kull punt fuq l-aġenda u tal-valutazzjonijiet mogħtija mill-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandhom ikunu siewja u sħaħ. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat, taħt ir-responsabbiltà tal-President.
6. Sa fejn ikun possibbli, il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jadotta l-valutazzjonijiet tiegħu b'konsensus.

#### Artikolu 6

### Sottogrupperi

Il-President jista' jistabbilixxi sottogrupperi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi ta' termini ta' referenza ddefiniti mill-Kummissjoni. Is-sottogrupperi għandhom joperaw f'konformità mar-regoli orizzontali tal-Kummissjoni dwar il-grupperi ta' esperti ("ir-regoli orizzontali")<sup>(1)</sup> u għandhom jirrapportaw lill-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*. Dawn għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.

#### Artikolu 7

### Esperti mistiedna

Fuq bażi *ad hoc*, il-President jista' jistieden lil xi esperti li għandhom kompetenza speċifika dwar suġġett fl-aġenda biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* jew tas-sottogrupperi tiegħu.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016)3301 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-grupperi ta' esperti tal-Kummissjoni.

## Artikolu 8

**Parteċipazzjoni f'laqgħat u Osservaturi**

1. Is-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija ("Segretarjat") jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*, bħala Osservatur, fuq stedina tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku. F'dak il-każ, huwa għandu jinnomina r-rappreżentant(i) tiegħu.
2. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* fuq stedina tal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha ta' interess reċiproku.
3. Il-President jista' jippermetti lill-osservaturi u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* u ta' kwalunkwe sottogrupp u jipprovdu għarfien espert. Madankollu, huma ma għandhomx jipparteċipaw fil-formulazzjoni tal-valutazzjonijiet għall-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*.

## Artikolu 9

**Regoli ta' proċedura**

Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'maġġoranza kwalifikata fl-ewwel laqgħa tiegħu.

## Artikolu 10

**Protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva**

1. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* għandhom jittrattaw l-informazzjoni sensittiva bil-kunfidenzjalità dovuta, inkluża kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva, li ma għandhiex tiġi kondiviża ma' xi impriża jew użata għal xi skop ieħor għajr għat-tweqqif tal-kompiti tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* speċifikati f'din id-Deċiżjoni.
2. Kwalunkwe *data* personali li tista' tiġi pproċessata bħala parti mill-aggregazzjoni tad-domanda u x-xiri konġunt għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(4)</sup> u r-Regolament (UE) 2018/1725.

## Artikolu 11

**Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni klassifikata**

Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, huma soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali, li skont it-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u għall-persunal tagħhom, u huma soġġetti wkoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443<sup>(5)</sup> u 2015/444<sup>(6)</sup>. F'każ li dawn l-obbligi ma jiġux rispettati, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-miżuri xierqa kollha.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

*Artikolu 12***Trasparenza**

1. Il-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* u kwalunkwe sottogrupp tiegħu għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili ("ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti").
2. Rigward il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* u tas-sottogruppi, għandha tiġi ppubblikata d-*data* li ġeja fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti:
  - (1) l-ismijiet tal-awtoritajiet tal-Istat Membru rrappreżentati fil-Bord ta' Tmexxija *ad hoc*;
  - (2) l-ismijiet tal-osservaturi.
3. Id-dokumenti rilevanti kollha, inklużi l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli fuq ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti oħra ta' sfond rilevanti għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, segwiti mill-pubblikazzjoni fil-ħin tal-minuti. L-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni <sup>(7)</sup> għandhom ikunu possibbli biss meta l-iżvelar ta' xi dokument ikun idgħajef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(8)</sup>.

*Artikolu 13***Spejjeż tal-laqgħat**

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* u tas-sottogruppi tiegħu ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li joffru.
2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Bord ta' Tmexxija *ad hoc* u tas-sottogruppi għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

---

<sup>(7)</sup> Dawn l-eċċezzjonijiet huma maħsuba biex jiproteġu s-sigurtà pubblika, l-affarijiet militari, ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika, il-privatezza u l-integrità tal-individwu, l-interessi kummerċjali, il-proċedimenti tal-qorti u l-konsulenza ġuridika, l-ispezzjonijiet/l-investigazzjonijiet/l-awditi u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).